

PROTOKOLL**li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru**

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn naħa waħda, u

R-REPUBBLIKA ORJENTALI TA' L-URUGWAJ

min-naħa l-oħra,

(minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet"),

Wara li kkunsidraw il-Ftehim bejn ir-Rumanija u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj, iffirmat f'Bukarest fil-31 ta' Mejju 1996,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-ftehim orizzontali"), iffirmat f'Montevideo fit-3 ta' Novembru 2006,

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea u għalhekk mal-Komunità Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jidded fil-punt (a) ta' l-Anness I, tal-ftehim orizzontali wara l-entrata li tikkonċerna lill-Portugall:

“— il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Rumanija u l-Gvern tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar is-servizzi bl-ajru, magħmul f'Bukarest fil-31 ta' Mejju 1996, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim Urugwaj - Rumanija' fl-Anness II;”.

Artikolu 2

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiddedu fl-Anness II tal-ftehim orizzontali wara l-entrata li jikkonċernaw "l-Ftehim Urugwaj - Portugall":

(a) fil-punt (a) "Denominazzjoni":

“— l-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj - Rumanija;”

(b) fil-punt (b) "Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet jew permessi":

“— l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim Urugwaj - Rumanija;”

(ċ) fil-punt (d) "Tassazzjoni tal-karburant ta' l-avjazzjoni":

“— l-Artikolu 9 tal-Ftehim Urugwaj - Rumanija;”

(d) fil-punt (e) "Tariffi għat-trasport fil-Komunità Ewropea":

“— l-Artikolu 8 tal-Ftehim Urugwaj - Rumanija;”.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub bit-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll ser jiġi mfassal bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, it-test bl-Ispanjol jegħleb il-verżjonijiet l-oħra.